VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,546, 15 ta' Marzu, 2016
Taqsima B

A.L. 85 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Bioethics – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Master of Arts in Bioethics – M.A. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-Grad ta' Master of Arts in Bioethics – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 299 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2016 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II fl-oqsma li ġejjin: fit-Teoloġija, fil-Health Care, fis-Social Work, fil-Liġi, fil-Mediċina, fid-Dentistrija, fil-Psikoloġija, fil-Filosofija, fix-Xjenza jew f'xi qasam ieħor li l-Bord jidhirlu li huwa adattat; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) grad ta' Bachelor fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija III fl-oqsma li ġejjin: fit-Teoloġija, fil-Health Care, fis-Social Work, fil-Liġi, fil-Mediċina, fid-Dentistrija, fil-Psikoloġija, fil-Filosofija, fix-Xjenza jew f'xi qasam ieħor li l-Bord jidhirlu li huwa adattat, jekk huma jkunu kisbu kwalifiki oħra, li jinkludu esperjenza rilevanti, wara l-għotja tal-grad tal-ewwel ċiklu.

(2) F'każijiet eċċezjonali il-Bord tad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li m'għandhomx grad ta' Bachelor, sakemm li jkun sodisfatt li dawn l-applikanti għandhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra f'dawn l-oqsma li ġejjin: fit-Teoloġija, fil-Health Care, fis-Social Work, fil-Liġi, fil-Mediċina, fid-Dentistrija, fil-Psikoloġija, fil-Filosofija, fix-Xjenza, jew f'xi qasam ieħor li l-Bord jidhirlu li huwa adattat, u minimu ta' sentejn esperjenza professjonali miksuba wara l-għotja tal-kwalifika akkademika jew professjonali, li flimkien ikunu meqjusa bħala komparabbli għall-livell tal-ewwel grad."